**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Diċembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 237/2019 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B f'isiha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri E D B maħtura b'digriet ta' din l-Onor. Qorti tas-27 ta' Jannar 2020**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar id-9 ta' Frar 2008 twieled il-minuri E D B. Ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dok A.*

2. *Illi jirrizulta illi ghal hafna snin u cioe' sa Dicembru 2017, il-Minuri ma kinitx registrata fuq isem il-konvenut u fil-fatt kienet imnizzla bħala missier mhux maghruf u dan anke jekk il-konvenut ilu snin li jaf I hu missier il-minuri, tant li meta jfettilu kien anke jitlob li jaraha.*

3. *Illi madanakollu, il-konvenut missier jippretendi li filwaqt li jrid id-drittijiet tieghu bhala missier ossia li jara lill-minuri b'mod regolari, ma jridx irbit fir-rigward tal-obbligi tieghu. Dan qed jinghad fl-isfond tal-fatt illi minkejja digriet car ta' manteniment moghti minn din l-Onorabbli Qorti tal-Familja, il-konvenut ghadu jippretendi li jista' jabdika mir-responsabbiltajet tieghu u fil-fatt huwa ma jivversax manteniment u dana minkejja id-diversi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li jinħarġu l-akkuzi relattivi. In oltre', il-konvenut qatt ma hallas nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri E. Qieghed jigi presentat kopja tad-digriet tal-Onor. Qorti tat—3 ta' Marzu 2018 mmarkat Dok B, u z-zewg tahrikiet tal-esponenti (fost afna ohrajn) mmarkati Dok C u Dok D rigward procedure quddiem l-Onor. Qorti tal-Magistrati rizultat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment tal-konvenut.*

4. *Illi l-attegjament tal-missier huwa ghal kollox skorett fejn tidhol il-minuri E, u l-esponenti, u dana kif jikkonfermaw id-diversi incidenti illi sfortunatament isehhu minn zmien ghal zmien:*

   - *L-omm dejjem hasset illi jkun ghaqli illi l-missier jkun prezenti fil-hajja ta' bintu; tant illi kien hemm ftehim verbali bejniethom illi l-minuri tqatta' sleepover ma' missierha. Gara pero' illi nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-missier irrifjuta illi jirritorna lill-minuri E ghand l-omm. Kien biss wara digriet tal-Qorti datat l-4 ta'Ġunju 2019 u l-assistenza tal-Pulizija illi l-minuri E ġiet irritornata lura ghand ommha. Dan ma kienx l-unika incident ta' din il-portata: kien hemm ukoll incident iehor ta' din il-kwalita' lura f'Diċembru 2018*

*fejn l-intimat jaqbad u ma jirritornax lill-minuri lura ghand l-omm fi tmiem l-access.*

- *Il-minuri E ghamlet xhur ma tattendix ghal-lezzjonijiet tal-Muzew (u dana minkejja illi l-minuri daqt se jkollha l-Grizma) u dana minhabba ir-rifjut tal-missier sabiex jiffirma l-inkartament necessarju. In fatti, il-minuri regghet bdiet taddenti ghall-Muzew biss ricenti u dana wara id-digriet ta' din l-Onor. Qorti tal-11 ta Settembru 219, kopja tad-digriet han annessa u mmarkata Dok E.*

- *Il-missier qieghed jirrifjuta illi jiehu lill-minuri ghall-attivitajiet extra-kurrikulari illi jinzeraw fil-hin tal-access, Dana minkejja id-digriet tal-11 ta' Settembru 2019 fejn jindika illi l-missier huwa 'obbligat ukoll li jiehu t-tifla ghallattivitajiet li jinzertaw fil-hin tal-access' (vide Dok F). Il-missier jirreferi ghal tali attivitajiet ta' bintu bhala attivitajiet tal-'boloh'. Ara rapport datat 6 ta' Ottubru 2019 hawn anness u mamrkat Dok F.*

- *Il-minuri E, wara tmiem l-access, tghid lill-ommha illi missierha kontinwament jitkellem dwar ommha b'mod dispreggjattiv, jattenta joskurha, u sa anke hass illi jkun opportune illi jghid lill-martu quddiem bintu sabiex martu tinsel u thebb fizikament ghall-esponenti. Dan sehh nhar is-6 ta' Ottubru 2019 meta l-esponenti kienet tinsab l-Ghassa tal-Pulizija peress illi inqala' dizgwid bejn il-partijiet fir-rigward tar-ritorn tat-tifla fi tmiem l-access. Skond il-minuri E, kliem missierha lill-martu kien 'issa inzel u ifqalha wiccha (wick l-esponenti)' waqt li l-minuri kienet fil-vettura ma' missierha u martu. Fil-fatt, nhar is-6 ta' Ottubru 2019, mart l-intimat, provat thebb ghall-esponenti propju fl-Ghassa tal-Pulizija u quddiem l-ufficcjali tal-Pulizija, Ara f'dawn ir-rigward ir-rapport esebit u mmarkat Dok F.*

- *In-nannu patern behsiebu jhallas vjagg ghall-minuri f'Dicembru ta' din is-sena (2019) izda l-missier qieghed jirrifjuta illi jikkopera sabiex jinhareg il-passaport tal-minuri. Din se tkun l-ewwel opportunita' ta' safar tal-minuri E, f'liem safra se jkun hemm prezenti l-omm u l-ahwa tal-istess E. Ara f'daw ir-rigward ir-rapport esebit u mmarkat Dok F.*

5. *Illi Jinghad li l-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-kompromess minhaba inadempjenza tal-intimat l-attegjament ghall kollox skorett tal-istess intimat.*
6. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 13 t'Awwissu 2019. Kopja ta' dan id-digriet huwa hawn anness u mmarkat Dok G.*

*Ghadaqstant ir-rikorrenti umilment ttlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E D B f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tordna illi r-residenza tal-minuri Aliaza D B tkun mal-omm;*

3. *Tordna illi kull beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri E D B jinghata lir-rikorrenti;*

4. *Tillikwida u tiffissa manteniment globali ghall-minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat' b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana billi tali somma hekk iffisata tkun tinkorpora wkoll is-sehem tal-intimat ghal nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;*

5. *Tordna li l-imsemmi manteniment jgi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew min kwalisasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

6. *Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli illi jhallas l-arretrati ta' manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari minnu mhux imhallsa, mit-twelid tal-bint u cioe' mid-9 ta' Frar 2008 sakemm inghatat l-ewwel ordni ta' manteniment minn din l-Onorabbli Qorti, fl-atti tal-medjazzjoni nhar it-3 ta' Marzu 2018;*

7. *Tillikwida l-arrerati ta' manteniment u spejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari minnu mhux imhallsa, mit-twelid tal-bint u cioe' mid-9 ta' Frar 2008 sakemm inghatat l-ewwel ordni ta' manteniment minn din l-Onorabbli Qorti, fl-atti tal-medjazzjoni nhar it-3 ta' Marzu 2018, mahduma bir-rata li tigi appozitament iffissata minn din l-Onor. Qorti, pagabbli mill-istess intimat lir-rikorrenti lilha personali u/jew lilha f'isem il-minuri E D B;*

8. *Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti lilha personali u/jew lilha f'isem il-minuri Aliza D B dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din l-Onor. Qorti konsistenti f'arretrati ta' manteniment, ghas-snin kollha imsemmija, u dan that dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Onor. Qorti.*

9. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri E D B, inkluz fir-rigward yal-access ghall-missierha l-intimat;*

10. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri E D B, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu that kull provvediment xieraq u opportune li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u ppreżenta risposta ġuramentata fejn ġie eċċepit:[2]

[2] Fol. 132.

1. *Illi l-esponent mill-ewwel jirrileva illi l-istorja tal-partijiet hija wahda kmplessa li kontinwament inbidlet mal-moghdija taz-zmien u li hija ferm, u ferm 'l boghod mill-premessi li bbazat ir-rikors guramentat taghha fuqhom l-attrici B, liema premessi sejrin jigu kontradetti minn provi konkreti li ser ikun qieghed iressaq f'din il-kawza l-konvenut esponent. Illi ghalhekk, l-ewwel (1) talba, ossia t-talba tal-attrici ghal kura u kustodja esklussiva ghandha tigi michuda, essendo li hija biss mexx kif l-attrici tkompli tistabbilixxi distanzi bejn ir-relazzjoni tal-missier u ta' bint il-partijiet u tkompli teskludih minn hajjitha kontra kull rieda u xewqa tieghu, liema relazzjoni mhuwiex minnu li hija b'xi mod tipprova tinkoragixxi jew tiffacilita. Illi filfatt l-esponent dejjem kien involute fil-hajja tal-minuri li ghal numru ta' snin trabbiet mieghu, sa ma kellha hames (5) snin, minkejja li l-esponent f'dak l-istadju ma kienx formalment irregistrat bhala l-missier naturali taghha – b'ghazla tal-attrici stess.*

2. *Illi effittivament sa ma l-esponent kellu kuntatt u access ghal bintu ma sab l-ebda oggezzjoni ghal dawn ix-xewqat tal-omm, ossia li l-bint tibqa mhux rikonoxxuta minnu skond ix-xewqat taghha, ghad li sussegwentament gie kostrett jipproponi kawza ghal konferma tal-paternita' appena l-attrici bdiet taqtghu minn hajjet bintu, kif ser jigi pprovat ulterjorament. Illi ghad li huwa minnu li nqala' dizgwid dwar il-formoli tal-Grizma, dak li ma qalitx l-attrici fir-rikors guramentat taghha huwa li hija stess harget lil bintha minn erba' Knejjes differenti meta giet biex taghmel il-Precett sempliciment ghaliex ikun sar jaf l-esponent, missierha, fejn ser ikun ser isisr il-Precett u juri x-xewqa li jattendi sa ma fl-ahhar kellu jsir jaf minghand il-Kappillan u jzomm dan mistur minnha sabiex ikun jista' jara lil bintu titqarben fil-Knisja ta' Rahal il-Gdid, fejn minflok, l-attrici hadet maghha lil dak li dakinhar kien is-sieheb taghha! Illi da nil-fatt wahdu, jixhed il-karattru tal-attrici, tendenzi li mghandhomx ikunu nkoraggiti u ssanzjonati bl-akkoljiment ghat-tip ta' talbiet li saru f'dina l-kawza.*

3. *Illi fir-rigward tat-tieni (2) talba tal-attrici sabiex irresidenza primarja tal-minuri tkun dik tal-omm, l-esponent in primis jirrileva li bint il-partijiet ghaddiet minn diversi esperjenzi u tibdiliet fil-hajja taghha li biddlu r-relazzoni taghha ma' ommha l-attrici, u mal-esponent missierha. F'aktar minn okkazjoni wahda (1) hija telqet bi tlett basktijiet bil-hwejjeg taghha li harget mid-dar, waslet bihom sal-iskola u tfaccat fuq l-ghatba tal-esponent*

*wara nofsinhar tirrifjuta li tmur lura ghand ommha, aktar milli l-esponent irrifjuta li jehodha lura, kif ser jigi pprovat. Illi in effetti f'dan il-perjodu, ossia Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), bint il-partijiet kienet espremiet ix-xewqa mal-ghalliema u social workers taghha li xtaqet tirrisjedi ma' missierha u li llum, bl-aktar mod misterjuz, fi kliem l-attrici ma tridx taf bih! Madanakollu, huwa mghandu l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba fic-cirkostanzi prezenti.*

4. *Illi l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-tielet (3) talba kif dedotta purche' bint il-partijiet tkun ghadha tghix mal-attrici omm.*

5. *Illi l-espoenent lanqas ma jsib oggezzjoni ghar-raba (4) talba purche' l-istess manteniment ikun stabbilit b'rispett shih lejn il-mezzi u d-dhul tal-partijiet, partikolarment tal-esponent – missier ta' ulied ohrajn inkluz ta' tifel bi bzonnijiet specjali, sitwazzjoni li tirrikjedilu jqatta' sighat twal mieghu d-dar kif ser jigi pprovat, u l-bzonnijiet tal-minuri E. Illi min-naha l-ohra l-omm minbarra l-ammonti f'beneficcji socjali li tircievi traqqas ukoll l-istudenti d-dar taghha b'etrojtu konsderevoli, dan kollu naturalment filwaqt illi titlob dejjem aktar mill-esponent missier, fejn sahansitra titlob il-hlas ta' mzati tal-iskola li llum huwa kkonfermat li qatt ma thalsu minnha.*

6. *Illi l-hames (5) talba ghandha tigi michuda stante li ghad li huwa minnu li kien hemm perjodu fejn huwa waqa' lura bil-pagamenti ta' manteniment ghal bint il-partijiet gia' stabbilit permezz ta' digriet, konsegwenza tas-sitwazzjoni pjetuza ndikata fil-bran precedent, l-esponent ser ikun ottempora ruhu u hallas l-arretrati kollha fil-gimghat li gejjin. Illi ghaldaqstant, ma hemm l-ebda htiega ghat-talba odjerna.*

7. *Illi s-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) talbiet mhux biss ghandhom jigu michuda izda wkoll huma frott il-gideb sfaccat u kontradett minn atti minna stess gia' pprezentati lil dina l-Onorabbli Qorti fejn bil-gurament taghha tikkonferma li fil-fatt kienet tircievi manteniment ghat-trobbija ta' bint il-partijiet! Illi l-esponent lanqas ma kien jircievi manteniment minghand l-attrici ghas-snin kollha li bint il-partijiet damet tghix mieghu u li sussegwentament, huwa kkontribwixxa ghat-trobbija taghha meta l-attrici hadet lil binthom tirrisjedi maghha, hekk kif ghadu jaghmel sal-gurnata ta'*

*llum. Illi ghalhekk, ma hemm l-ebda arretrati dovuti u li t-talbiet immarkati bin-numru sitta (6), seba' (7) u tmienja (8) ghandhom jigu michuda.*

8. *Illi l-esponenti mbaghad jaqbel ma dak li tghid l-attrici fid-disgha (9) u l-ghaxra (10) talbiet taghha stante li fil-prezent l-access mhuwiex jigi ezercitat, b'dispjacir ghal missier u b'konsegwenza diretta tal-azzjonijiet u l-intromessjonijiet tal-attrici stess li ghada sa llum tara kif ser ittellef lil missier mill-unika erbgha (4) sighat li ghandu xi jqatta' fil-prezenza ta' bintu b'attivitajiet kontinwi, kif ser jigi pprovat fis-smigh u t-trattazzjoni ta' dina l-vertenza.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta'E D B, li jġib in-numru progressiv 631 tas-sena 2008;[3]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Awwissu 2019,[4] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[5] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022,[6] fejn il-Qorti akkordat lill-partijiet sitt (6) ġimgħat żmien biex iresqu in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, liema fakolta' ma ġietx sfruttata miż-żewġ naħat;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[7]

[3] Fol. 7.
[4] Fol. 20.
[5] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2021, a fol. 251.
[6] Fol. 272.
[7] *Ibid.*

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri E D B nhar id-9 ta' Frar 2008. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċat tgħix mal-attriċi filwaqt li l-konvenut kien qed igawdi mid-dritt ta' aċċess għal bintu u jikkontribwixxi finanzjarjament billi jħallas manteniment. Jirriżulta illi *pendente lite* hemm *in vigore* numru ta' digrieti dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri. Jingħad illi tenut kont tal-atteġjament skorrett tal-konvenut fir-rigward tal-minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward bintha minuri tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi tkun awtorizzata tieħu d-deċiżjonijiet kemm ordinarji kif ukoll straordinarji tal-minuri, filwaqt li din għandha tirrisjedi magħha b'mod permanenti;

ii. Tordna li l-konvenut ikollu d-dritt għal aċċess mal-minuri taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ, u dan jekk jirriżulta li huwa fl-aħjar interess tal-minuri;

iii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas tali manteniment kif likwidat kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, liema mantenimet għandu jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ li għandu jew jista' jkollu l-konvenut;

iv. Tordna li kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li għalih tkun intitolata l-minuri, għandu jkun perċepibbli lill-attriċi;

v. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli li jħallas arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikuari għal perjodu bejn it-twelid tal-minuri sad-data tal-ewwel ordni ta' manteniment *pendente lite,* u konsegwentament tillikwida tali somma u tordna lil konvenut sabiex iħallas l-istess;

vi. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, *inter alia,* l-aċċess, is-safar, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi, u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona fir-rigward tal-kura u kustodja li din tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, iżda ma joġġezzjonax illi din tirrisjedi mal-attriċi, li tipperċepixxi benefiċċji soċjali f'isem it-tifla, li jħallas manteniment u li jkollu aċċess adegwat, iżda għal kull buon fini jsemmi episodji fejn it-tifla uriet ix-xewqa li tirrisjedi miegħu. Il-konvenut joġġezzjona ukoll fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, u jisħaq li għalkemm kien hemm żmien li huwa waqa' lura mill-ħlas tal-manteniment, huwa jgħid li ser ikun ottempora ruħu u ħallas l-arretrati kollha fil-ġimgħat sussegwenti.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:</u>*

Il-Qorti tara illi l-attriċi ma resqet l-ebda affidavit u lanqas ma xehdet *viva voce,* u għalhekk tinsab sprovvista mill-verżjoni tagħha, għajr għal dik kif prodotta fir-rikors ġuramentat. Għalhekk in sinteżi jidher li fil-fehma tal-attriċi *"il-konvenut missier jippretendi li filwaqt li jrid id-drittijiet tiegħu bħala missier, ossia li jara lill-minuri b'mod regolari, ma jridx irbit fir-rigward tal-obbligi tiegħu"* u dan jingħad għaliex skont l-attriċi, il-konvenut qiegħed jabdika mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala missier u dan fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment kif ukoll fl-aċċess. Fil-fatt, fir-rikors promotur, l-attriċi ssemmi diversi episodji sabiex tissostanzja l-verżjoni tagħha, u fosthom issemmi istanzi fejn il-konvenut: (i) irrifjuta li jirritorna lura lil minuri għand l-attriċi, (ii) ma kienx jikkoopera sabiex tattendi l-mużew b'mod regolari stante li ma kienx jiffirma d-dokumenti neċessarji, (iii) ma kienx jibgħat lil minuri għall-attivitajiet tagħha fil-ħin tal-aċċess, (iv) kien jitkellem b'mod dispreġġjattiv kontra l-attriċi waqt l-aċċess, u (v) ma kkoperax rigward l-applikazzjoni tal-passaport tal-minuri.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, fl-atti in ġenerali, tresqu s-segwenti provi:

a. *Kopja ta' Taħrika ta' Xhud lil A B sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġisrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,* nhar il-11 ta' Novembru 2019 fil-każ *Pulizija vs C D*, bir-referenza MAC-00271-2019-0;[8]

b. *Kopja ta' Taħrika ta' Xhud lil A B sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġisrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,* nhar l-14 ta' Ottubru 2019 fil-każ *Pulizija vs C D*, bir-referenza MAC-00039-2019-4;[9]

c. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar l-4 ta' Mejju 2011*,[10] fejn ġie rrappurtat li l-konvenut kien qabad u ħa lit-tifla minngħand l-attriċi;

d. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar il-5 ta' Diċembru 2018*,[11] fejn ġie rrappurtat illi ma tħallietx tiġbor it-tifla mill-iskola, iżda dawn ċemplu lill-konvenut biex jiġi għaliha hu;

e. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar it-2 ta' Ġunju 2019*,[12] fejn ġie rrappurtat li kien hemm ftehim verbali dwar aċċess għat-tifla, u wra tali aċċess il-konvenut infurmaha li t-tifla riedet tibqa' miegħu. Minkejja li hi ppruvat tagħmel kuntatt biex tkellem lit-tifla, il-konvenut qata' l-linja telefonika;

f. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-kovenut nhar id-19 ta' Lulju 2019*,[13] fejn ġie rrappurtat li l-konvenut ċemplilha u beda jheddidha bi kliem li kien ser joħdilha lil minuri hekk kif jaraha barra, li ser jagħtiha daqqa ta' ponn f'wiċċha u daqqa ta' karozza. Barra minn hekk, iben l-attriċi stqarr illi darba kien lemaħ lil konvenut fil-vettura tiegħu fit-triq fejn toqgħod l-attriċi, beda joffendih b'ommu, u stiednu għal ġlied;

[8] Fol. 11, 60.
[9] Fol. 12, 59.
[10] Fol. 187.
[11] Fol. 189.
[12] Fol. 192.
[13] Fol. 34.

g. *<u>Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar is-6 ta' Ottubru 2019</u>*,[14] fejn ġie rrappurtat li t-tifla marret għall-aċċess għand missierha skont id-digriet tal-Qorti iżda l-minuri ma ġietx ritornata lura wara l-aċċess. Ġie rrapputat ukoll li: (i) l-konvenut ma riedx jieħu lill-minuri għal laqgħa tal-abbatini, (ii) l-konvenut u ċertu waħda F bdew jgħidu lil minuri li dawn il-laqgħat tal-boloh, (iii) l-konvenut qal lill-istess F sabiex tinżel u tifqa' wiċċ l-attriċi, (iv) l-konvenut u l-istess F bdew jitkellemu b'mod dispreġġjattiv fuq l-attriċi mal-minuri;

h. *<u>Rapport magħmul mill-atriċi kontra l-konvenut nhar is-16 ta' Ottubru 2019</u>*,[15] fejn ġie rapportat li l-konvenut qiegħed iżomm lit-tifla milli tattendi għal ċertu attivitajiet waqt il-ħin tal-aċċess;

i. *<u>Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar il-31 ta' Ottubru 2019</u>*,[16] fejn ġie rrapportat li l-konvenut qiegħed jieħu lit-tifla għall-aċċess imma mhux joħodha għall-attivitajiet li jkollha;

j. *<u>Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar il-31 ta' Ottubru 2019</u>*,[17] fejn ġie rrapportat li: (i) kien hemm drabi fejn il-konvenut qed jiġib lill-minuri lura d-dar wara l-aċċess tard, (ii) jkun hemm drabi fejn għalkemm javża li sejjer għat-tifla huwa jibqa' ma jmurx, u (iii) drabi oħra fejn waqt l-aċċess huwa ma jieħux lil minuri għall-attivitajiet tagħha;

k. *<u>Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar il-31 ta' Ottubru 2019</u>*,[18] fejn ġie rapportat li l-konvenut qiegħed jitkellem mat-tifla dwar l-attriċi b'mod dispreġġjattiv, fejn it-tifla ukoll qiegħda tibża' minn missierha;

l. *<u>Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar l-1 ta' Novembru 2019</u>*,[19] fejn ġie rrapportat li l-konvenut ċemplilha u beda jheddidha bi kliem dispreġjattiv, kif ukoll li joqtolha;

[14] Fol. 14, 40, 195.
[15] Fol. 50.
[16] Fol. 45.
[17] Fol. 47.
[18] Fol. 52.
[19] Fol. 37.

m. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar l-10 ta' Novembru 2019,*[20] fejn ġie rrapportat li l-konvenut ċemplilha li kien se jġib it-tifla lura mill-aċċess x'ħin irid hu;

n. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut nhar id-19 ta' Marzu 2020,*[21] fejn ġie rapportat illi l-konvenut bagħtilha biex tieħu l-ħwejjeġ u l-affarijiet tal-minuri li din tal-aħħar ma kienetx sejra aktar;

o. *Ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Kura Primarja nhar l-4 ta' Mejju 2011,*[22] fejn l-attriċi ġiet iċċertifikata li sofriet minn ġrieħi ħfief;

p. *Kopja ta' korrispondenza bejn l-attriċi u l-konvenut fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp*,[23] fejn il-konvenut jisħaq illi nofs l-ispejjeż edukattivi ma jinkludux lezzjonijiet tal-privat u *donation* tal-iskola, tant li l-attriċi rrispondiet li kienet lesta li toħroġ lit-tifla mill-iskola;

q. *Kopja ta' korrispondenza bejn l-attriċi u F fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp*,[24] fejn l-attriċi bagħtet irċevuta ta' €204.29 u talbet illi l-konvenut iħallas is-somma ta' €100, u F rrispondiet li l-konvenut irid jagħtiha €230, u ma hemmx miktub li l-konvenut irid iħallas nofs dawn l-ispejjeż;

r. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook,*[25] fejn il-konvenut tella' ritratt ta': (i) żewġ uliedu minn relazzjoni oħra, fejn kiteb *"My life my everything. No more no less"*, (ii) bintu minn relazzjoni oħra, fejn kiteb *"the only girl that stole my heart inhobbok hafna qalbi"*, fejn skont l-attriċi dawn jistgħu jiġu nterpretati illi f'ħajjet il-konvenutil-minuri ma tiċċentrax;

s. *Lista ta' spejjeż tal-iskola tal-minuri u rċevuta*,[26] li jammontaw għal €505.77;

t. *Prospett ta' spejjeż inkors mill-attriċi li jammonta għas-somma ta' €470.91 fix-xahar*;[27]

[20] Fol. 44.
[21] Fol. 185.
[22] Fol. 194.
[23] Fol. 61, 62, 180, 181, 183,
[24] *Ibid.*
[25] Fol. 199, 200.
[26] Fol. 63 – 68.
[27] Fol. 156.

u. *Irċevuti mħalsa mill-attriċi li jammontaw għal €2,014.24*.[28]

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:*

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut,[29] jikkonferma li fil-preżent, ossija 16 ta' Frar 2022, il-minuri qiegħda tgħix miegħu u l-familja tiegħu l-Furjana u dan skont ordni tal-Qorti. Minkejja dan, l-omm għandha dritt għall-aċċess għal bintha kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mis-6 sas-7.30 ta' filgħaxija, iżda jiddikjara li tali aċċess qatt ma ġie eżerċitat. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-kura u kustodja, il-konvenut jiddikjara li din tista' tibqa' konġunta, b'dana illi jekk ikollu bżonn ta' firma mingħand l-attriċi din tkun disponibbli li taghtiha sabiex ma jkunx hemm lok għal stenniha inutli.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, fl-atti in ġenerali, tressqu s-segwenti provi:

a. *Kopja taċ-ċertifikat maħruġ a favur G D H mill-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'*,[30] sabiex jikkorrabora li huwa għandu iben li għandu bżonnijiet speċjali;

b. *Dokumentazzjoni mhux awentikata li tistabbilixxi li l-konvenut jinsab jaħdem fuq bażi part-time ma J&K Port Works Lts u dan mill-1 ta' Ottubru 2019 b'introjtu mensili ta' €600;*[31]

c. *Kopji ta' payslips tal-konvenut mill-ħidma tiegħu ma' KDF Ltd*,[32] fejn għax-xahar ta' Ġunju 2020 huwa rċieva introjtu nett ta' €738.43, u għax-xahar ta' Lulju 2020 huwa rċieva introjtu nett ta; €734.88;

d. *Dokumentazzjoni maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali nhar is-17 ta' Jannar 2020*,[33] fejn juri dak kollu li l-konvenut jipperċepixxi mill-imsemmi dipartiment għas-sena 2019, ossija €1,300.72 f'*allowance* ta' tfal b'diżabilita' u €1,825.76 f'*allowance* tat-tfal;

[28] Fol. 149 – 155, 158 – 179.
[29] Fol. 265.
[30] Fol. 73.
[31] Fol. 74, 111.
[32] Fol. 217, 218.
[33] Fol. 216.

**e.** *Dokumentazzjoni maħruġ mill-Office of the Commissioner for Revenue*,[34] għas-sena 2018 fejn jidher li d-dħul tiegħu fil-ġimgħa kien dak ta' €314.29;

f. *Ċertifikat tat-Twelid ta' I J H*, bin-numru progressive 352 tas-sena 2006 imwieled lil L J u F H nhar is-7 ta' Jannar 2006;[35]

g. *Ċertifikat tat-Twelid ta' M D H*, bin-numru progressive 3426 tas-sena 2018 imwielda lil konvenut u F D nhar is-26 ta' Mejju 2018;[36]

h. *Ċertifikat tat-Twelid ta' G D H*, bin-numru progressiv 4040 tas-sena 2013 imwieled lil konvenut u F H nhar it-13 ta' Awwissu 2013;[37]

i. *Dokument iffirmat mill-Kap tal-iSkola fejn tattendi l-minuri u datat 20 ta' Novembru 2019*,[38] fejn jiġi kkonfermat illi qatt ma ġiet imħalsa d-*donation* tal-iskola għas-snin skolastiċi bejn s-sena 2013 u 2020;

j. *Kopja ta' korrispondenza bejn il-partijiet fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp*,[39] fejn: (i) il-konvenut wera x'jifhem illi huwa jaqbel li l-Qorti għandha tiddeċiedi x'għandu jiġri fir-rigward ta' safar – *"forsi jiktbu li anna dritt al safra kull wihed fis-sena jew xi haga ek"*, (ii) il-konvenut qiegħed jikkonferma li ser imur għaliha u ħa joħodha l-mużew, (iii) l-attriċi dejjem tbiddel il-postijet fejn huwa għandu jħalli lit-tifla wara l-aċċess;

k. *Kopja ta' korrispondenza bejn il-konvenut u l-minuri fuq il-pjattaforma soċjali Messenger*;[40]

l. *Rapport magħmul mill-konvenut kontra l-attriċi nhar il-31 ta' Ottubru 2019*,[41] fejn ġie rrapportat li l-attriċi bgħatitlu messaġġi b'ħafna allegazzjonijiet li hu giddieb, vjolenti ma' martu, adulteruż f'għemilu ma' martu, vjolenti mal-minuri;

[34] Fol. 75.
[35] Fol. 76.
[36] Fol. 77.
[37] Fol. 78.
[38] Fol. 79, 80, 219, 220
[39] Fol. 81 – 85, 88 – 93, 225 – 226, 214 – 215.
[40] Fol. 86 – 87.
[41] Fol. 94.

m. *<u>Rapport magħmul mill-konvenut kontra l-attriċi nhar it-18 ta' Ottubru 2019</u>*,[42] fejn ġie rrapportat illi huwa mar għat-tifla tard għall-aċċess minħabba xogħol u li kien informha lill-attriċi dwar dan, iżda baqa' sabiex xorta waħda ma rax lil minuri;

n. *<u>Rapport magħmul mill-konvenut kontra l-attriċi nhar l-14 ta' Mejju 2020</u>*,[43] fejn ġie rrappurtat li l-attriċi ma ħallitux jeżerċita d-dritt ta' aċċess;

o. *<u>Rapport magħmul mill-konvenut kontra l-attriċi nhar id-9 ta' Awwissu 2020</u>*,[44] fejn ġie rrappurtat li meta huwa rritorna lura lil minuri għand ommha d-dar, din tal-aħħar ma kienetx id-dar. Barra minn hekk, rrapporta ukoll li wara dan l-akkadut, huwa rċieva messaġġi minngħand l-attriċi fejn qaltlu *"Karma is a bitch"* u *"Min jidħaq l-aħħar jidħaq l-aħjar"*;

p. *<u>Komponiment tal-minuri li jismu "Irrakonta ħolma li ħlomt xtaqt li ġrat vera għaliex;"</u>*,[45] fejn tgħid illi l-ħolma tagħha torqod għand il-konvenut;

q. *<u>Dokument maħruġ mill-Ħaddiema Soċjali Roberta Vella Bonnici u Fra Diegu Care Worker Carmen Muscat, datat 23 ta' Mejju 2011,</u>*[46] fejn ġie kkonfermat illi *"during Ms E's time at the day centre, she would arrive in unclean and shabby clothes. The young child also appeared emotionally neglected by her mother. When Mr C D, who claimed to be the child's father, came to pick the child up, we let him know of our concerns. Mr D was very respectful and cooperative, as were other members of Mr D's family; subsequently there was a noticeable improvement in Ms E's general wellbeing. At times, MS A B would also leave the requisite monthly day care fee pending for a prolonged period. Ms B was warned that if the fees were left unpaid, the child wuldlose her place at the centre, however she still failed to resolve this issue. When Mr Aquilia was notified of the situation, he promptly settled the full fee himself. Every time Mr D dropped Ms E off at the day care centre he lways brought all necessities required by the care workers along with him, and the child always appeared well attended to"*;

[42] Fol. 98.
[43] Fol. 230.
[44] Fol. 221.
[45] Fol. 107, 227.
[46] Fol. 109, 235.

r. <u>*Employment history tal-konvenut*</u>,[47] fejn jidher li l-aħħar impjieg tal-konvenut kien ma' Express Trailers Ltd fuq bażi *full-time* mill-4 ta' Diċembru 2018 sas-27 ta' Marzu 2019;

s. <u>*Ritratti mtella' mill-konvenut stess fuq il-pjattaforma soċjali Facebook*,</u>[48] fejn juri li huwa jinkludi ukoll lil bintu minuri E.

**3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:**

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[49] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[50] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

---

[47] Fol. 110.
[48] Fol. 228, 229.
[49] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[50] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[51] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[52] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[53] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[54] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb,

[51] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[52] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[53] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[54] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[55] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[56] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

## 4. Is-Sitwazzjoni Pendenti bejn il-Partijiet:

Il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawża ngħataw s-segwenti digrieti *pendente lite* rigward il-kura, kustodja, aċċess, manteniment u kwistjonijiet oħra relatati mal-minuri:

a. Digriet tat-3 ta' Marzu 2018,[57] fejn il-Qorti laqgħat is-segwenti talbiet, ossija: (i) li l-konvenut iħallas is-somma ta' €230 fix-xahar bħala manteniment għal minuri, (ii) li l-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, (iii) li l-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, (iv) li tali ordni tibqa' fis-seħħ anke f'każ li l-konvenut jibdel l-impjieg tiegħu jew ikun qed

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.
[56] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.
[57] Fol. 10.

jipperċepixxi benefiċċji soċjali, (v) għajnuniet għal familja, inkluż *children's allowance* jiġu pperċepiti mill-attriċi;

*b.* <u>Digriet tal-11 ta' Settembru 2019,</u>[58] fejn il-Qorti ordnat *"li l-minuri tirrisjedi mal-omm b'access lill-missier matul il-gimgha, l-misier jinzerta 'rest' u 'off' mill-4:00pm sal-8:00pm, fil-weekend, jekk il-missier ikun 'rest', 'day' jew 'off', ikun jista' jraqqad lit-tifla mieghu, cioe' mill-4:00pm sal-ghada fl-istess hin b'mod alternattiv minn gurnata ghal ohra darba mill-Gimgha sas-Sibt u l-gimgha ta' wara, mis-Sibt sal-Hadd. Il-missier hu obbligat jifforma l-karti necessarji biex it-tifla tmur l-muzew fejn tirrisjedi l-omm u jekk jibqa' inadempjenti l-omm tista' tiffirma minghajr il-htiega tal-kunsens tieghu. Waqt il-hin tal-access lill-missier obbligat jigbor lit-tifla mir-residenza tal-omm u jerga' jirritornaha hemm fit-tmiem l-access. Obbligat ukoll jiehu t-tifla ghall-attivitajiet li jinzertaw fil-hin tal-access. L-omm hija avzata ma toskurax lill-missier fil-prezenza tal-minuri"*;

c. <u>Digriet tas-27 ta' Novembru 2019,</u>[59] fejn il-Qorti laqgħat is-segwenti talbiet, ossija: (i) li l-missier jiffirma l-formoli meħtieġa mal-omm sabiex il-minuri ssiefer l-Ingilterra, b'dana illi l-passaport ikun limitat biss għal din is-safra partikolari, (ii) il-kovenut għandu jħallas is-somma ta' €230 fix-xahar bħala manteniment għal minuri u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, (iii) il-manteniment għand jiżded kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, (iv) kull għajnuniet għal familja inkluż *children allowance* tal-minuri għandu jiġi pperċepit mill-attriċi, (v) il-manteniment għandu jinqata' direttament mis-salarju li għandu u/jew jista' jkollu l-intimat li għandu jgħaddi lill-attriċi permezz ta' ċekk intestat f'isimha. Fl-istess digriet, il-Qorti ħatret ukoll lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal sabiex wara li tkellem lil-minuri, tirrelata lill-Qorti dwar l-aċċess tal-missier għal minuri;

d. <u>Digriet tat-22 ta' Diċembru 2019,</u>[60] fejn wara li l-Qorti rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea,[61] hija addottat ir-rakkomandazzjoni tal-istess Avukat u konsegwentament ordnat li l-aċċess tal-missier għall-minuri għandu jibqa' kif inhu, iżda mingħajr *sleepovers* u bla superviżjoni;

[58] Fol. 13.
[59] Fol. 112.
[60] Fol. 116.
[61] Fol. 116.

e. <u>Digriet tas-17 ta' Awwissu 2020</u>,[62] fejn ordnat: (i) lill-intimat iħallas is-somma ta' €250 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għal minuri, filwaqt li jħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazjoni, (ii) aċċess lir-rikorrenti għall-minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn l-4 u t-8 ta' filgħaxija, u fil-weekend b'mod alternattiv nhar ta' Sibt jew il-Ħadd, bejn l-10 ta' filgħodu u t-8 ta' filgħaxija, (iii) il-konvenut għandu jwassal lil minuri għal attivitajiet tagħha fil-ħin tal-aċċess;

f. <u>Digriet tat-3 ta' Diċembru 2020</u>,[63] fejn wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tat-2 ta' Diċembru 2020,[64] hija ordnat li tirrisjedi mal-missier filwaqt li l-minuri jkollha aċċess għal ommha nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-5 sas-7.30 ta' filgħaxija, ukoll sabiex il-minuri tibqa' f'kuntatt ma' ħutha.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested*

[62] Fol. 236.
[63] Fol. 250.
[64] Fol. 248 – fejn ġie ddikjarat illi *"hija qieghda kuntenta hafna aktar ma' missierha. Hija tixtieq li tibqa' tirrisjedi ma' missierha. Hija tixtieq li tibqa' f'kuntatt m'ommha specjalment sabiex tkun tista' tara lil hutha"*

*at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D B, bint il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda tal-attrici jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. Għalkemm l-attriċi qiegħda titlob li hija tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, mill-atti jidher li l-konvenut qiegħed joġġezzjona għal dan iżda jtenni li din għandha tibqa' konġunta. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fil-preżenti il-minuri għandha erbatax-il (14) sena u li fil-preżent il-kura u kustodja tinsab konġunta f'idejn il-partijiet, filwaqt li abbażi tal-aħħar digriet *pendente lite* ta' din il-Qorti l-minuri qiegħda tgħix mal-missier. Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi li għandha quddiemha, tara ukoll li wara l-aħħar rikors urġenti tal-konvenut sabiex il-minuri tgħix miegħu, ma kien hemm l-ebda rikors ieħor sabiex din il-*modus vivendi* jiġi varjat b'xi mod. Għalhekk jidher li bħal donnu, il-partijiet u fuq kollox il-minuri daħlu f'rutina li qiegħda finalment taħdem. B'hekk il-Qorti ma tarax lok illi tiddisturba dak li ilu viġenti għal dawn l-aħħar sentejn, u b'hekk tindab moralment konvinta illi jkun fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tagħha tibqa' fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri u dan abbażi l-aħħar rakkomandazzjoni tal-Avukat tat-tfal Dr Stephanie Galea, għandha tibqa' tirrisjedi mal-konvenut ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-konvenut jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu.

Magħdud mal-prmess, il-Qorti tara li ma hemmx bażi illi l-konvenut jiġi żvestit b'xi mod mis-setgħa ta' ġenitur, madanakollu l-Qorti temmen li f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri:

i. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittieħdu mill-konvenut waħedu, ċjoe' dawk id-deċiżjonijiet ta' kuljum i jinkludu dawk bażiċi u jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri; filwaqt li,

ii. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

iii. Dan filwaqt li l-attriċi għandha: (a) tiġi nfurmata bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollha aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-konvenut meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) titħalla mill-awtoritajiet tal-isptar tidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) tattendi *Prize Day* u *Parents' Day,* (f) titlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha; u

iv. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenut.

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[65]

Il-minuri għandha d-dritt li tgawdu kemm lil ommha u kif ukoll lil missierha, u m'għandhiex tiġi mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[66] ingħad

[65] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[66] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess ġiet regolata, fejn il-minuri għandha aċċess għal ommha nhar ta' Tlieta u ta' Ħamis mill-5 sas-7 ta' filgħaxija.[67] Madanakollu mix-xhieda tal-konvenut, ġie ddikjarat illi tali aċċess qatt ma ġie eżerċitat, liema dikjarazzjoni ma ġiet bl-ebda mod kontradetta. Il-Qorti tara illi l-minuri għandha erbatax-il (14) sena u mil-laqgħa tal-minuri mal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea jidher li x-xewqa tal-minuri kienet sakemm tgħix ma' missierha, hija jibqa' jkollha kuntatt m'ommha speċjalment sabiex tkun tista' tara lil ħutha.[68] Fid-dawl ta' dan u kif ukoll tal-fatt li l-aċċess mhux jiġi eżerċitat kif ordnat *pendente lite*, il-Qorti tara li l-aċċess għandu jkun wieħed liberu l-attriċi u l-minuri, jekk ikun il-każ, għandhom jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluż f'Jum l-Omm, għeluq żmien l-attriċi, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri. Fl-istess waqt il-Qorti teżiġi lil konvenut sabiex jassisti f'dan l-aċċess billi jissaportja x-xewqat tal-minuri meta din tkun trid tiltaqa' ma' ommha u ħutha, u jimpjenja ruħu sabiex dan isir mingħajr problemi.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser jibqgħu vestiti b'mod konġunt vejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri ser tirrisjedi mal-konvenut, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda lok illi tordna lil konvenut iħallas manteniment għal minuri lill-attriċi u dan skont kf mitlub fir-rikors promotur. Madanakollu u nonostante l-fatt illi ma saret l-ebda kontro-talba, iżda f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tara illi sabiex il-minuri ma jkun jonqosha xejn sakemm din tkun qed tgħix għand missierha, ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-

[67] Fol. 250.
[68] Fol. 248.

Liġijiet ta' Malta tordna li l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull minuri, u b'hekk l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li tista' tippercepixxi l-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi hija obbligata li tħallas manteniment għal bintha sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenut. F'każ li l-minuri, tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' €275 għal minuri E D B, għandha tapplika b'effett mit-3 ta' Diċembru 2020, u dan skont il-prinċipju kif addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**.[69]

Fir-rigward ta' arretrati, fir-rikors promotur tagħha l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tillikwida arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari mid-9 ta' Frar 2008 sat-3 ta' Marzu 2018, u konsegwentament tikkundanna lil konvenut sabiex iħallas l-istess. Il-Qorti tissottolineja li mill-ġurisprudenza kostanti, ma hemm l-ebda dubju illi l-obbligu ta' ġenitur li jħallas il-manteniment u jikkontribwixxi finanzjarjament għal uliedu jibda proprju mat-twelid, u dan anke jekk għal xi żmien tali wild ikun baqa' rreġistrat bħala iben missier mhux magħruf.

[69] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2): liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Il-Qorti tara illi f'dan ir-rigward, minkejja li l-konvenut jinnega illi hemm xi pendenzi ta' manteniment għal tali perjodu, fl-atti ma hemm l-ebda prova ta' ħlas ta' manteniment minn meta twieldet il-minuri. Huwa riasput illi min jallega jrid jipprova, u għaldaqstant ġialadarba l-konvenut qiegħed jallega li huwa ħallas u ma hemm l-ebda pendenzi, huwa fl-obbligu tiegħu li jipprova l-istess. Madanakollu dan ma jidhirx li seħħ fl-atti li għandha quddiemha l-Qorti. Magħdud ma' dan, il-Qorti tissottolineja illi ma tistgħax sempliċiment temmen illi l-konvenut ikkontribwixxa finanzjarjament għal bintu sa minn meta twieldet mingħajr ebda prova, u jekk xejn il-provi li ġew ippreżenti kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tiegħu, jisabbilixxu li anke meta kien hemm fis-seħħ digriet li jenforza lil konvenut iħallas manteniment, huwa ukoll ma kienx wieħed li jonora l-obbligi tiegħu b'mod puntwali, tant li mhux l-ewwel darba li sab ruħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minħabba tali nuqqas.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-attriċi xtrat u nefqet il-flus fuq il-minuri bl-intiża li din ma jkun jonqosha xejn. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tapplika d-digriet tat-3 ta' Marzu 2018 b'effett mid-data tat-twelid tal-minuri, ossija d-9 ta' Frar 2008. B'hekk l-ammont f'manteniment li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi bħala sehmu għat-trobbija tal-minuri sa mid-data tat-twelid sat-3 ta' Marzu 2018, huwa ta' €27,830,[70] liema somma għandha tinkludi ukoll sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

## DEĊIDE:

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba, u tordna illi l-kura u kustodja tagħha tibqa' fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dana illi l-minuri u dan abbażi l-aħħar rakkomandazzjoni tal-Avukat tat-tfal Dr Stephanie Galea, għandha tibqa' tirrisjedi mal-konvenut ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-konvenut jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu; filwaqt li:

[70] €230 għal 121 xhar (l-ammont ta' xhur mid-9 ta' Frar 2008 sat-3 ta' Marzu 2018).

i. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-konvenut waħdu, ċjoe' dawk id-deċiżjonijiet ta' kuljum li jinkludu dawk bażiċi u jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri;

ii. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

2. Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet rigward il-likwdazzjoni ta' manteniment, il-kudanna ta' ħlas tiegħu, li l-istess manteniment jinqata' mill-paga jew introjtu tal-konvenut u kif ukoll dwar il-fatt li kull benefiċċju soċjali li għalih hijaeleġibbli l-minuri għandu jkun perċepibbli mill-attriċi;

3. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli li jħallas l-arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn id-data tat-twelid tal-minuri u t-3 ta' Marzu 2018;

4. Tilqa' is-seba' talba u tillikwida s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf tmien mija u tletin ewro (€27,830) f'arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn id-data tat-twelid tal-minuri u t-3 ta' Marzu 2018;

5. Tilqa' it-tmien talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €27,830 f'arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal perjodu bejn id-data tat-twelid tal-minuri u t-3 ta' Marzu 2018;

6. Tilqa' id-disa' u għaxar taba talba u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna:

i. L-attriċi għandha tiġi nfurmata bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollha aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess

minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-konvenut meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) titħalla mill-awtoritajiet tal-isptar tidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) tattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) titlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha;

ii. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenut;

iii. L-aċċess għandu jkun wieħed liberu bejn l-attriċi u l-minuri, u jekk ikun il-każ, għandhom jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluż f'Jum l-Omm, għeluq żmien l-attriċi, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri. Fl-istess waqt il-Qorti teżiġi lil konvenut sabiex jassisti f'dan l-aċċess billi jissaportja x-xewqat tal-minuri meta din tkun trid tiltaqa' ma' ommha u ħutha, u jimpjenja ruħu sabiex dan isir mingħajr problemi;

iv. L-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull minuri, u b'hekk l-attriċi għandha tħallas lill-konvenut total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi hija obbligata li tħallas manteniment għal bintha sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenut. F'każ li l-minuri, tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' €275 għal minuri E D B, għandha tapplika b'effett mit-3 ta' Diċembru 2020.

Bl-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.